MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
CLAIRE-LOUISE STAFRACE**

Seduta tat-2 ta' Dicembru, 2013

Numru. 276/2011

**Il-Pulizija
[Spettur Yvonne Farrugia]**

**vs**

**Mary Spalding**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija Mary Spalding detentrici tal-karta tal-identita` numru 27667(M).

Akkuzata talli:
Fid-9 ta' Awwissu 2006, jew fil-jiem ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, irrenda ruhu komplici fl-ghoti ta' dikjarazzjonijiet jew certifikati foloz a tenur tal-Artikoli 42 u 185 tal-Kodici Kriminali; u

Aktar talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, talbet, irceviet jew accettat xi offerta jew weghda ta; xi vantagg mhux

xieraq ghaliha nnifisha jew ghal xi hadd iehor bil-ghan li tezercita xi influwenza mhux xierqa bhalma hemm imsemmi fl-Artikolu 121A subartikolu (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-ezami tal-imputata li wiegbet mhux hatja tal-akkuzi kif dedotti kontriha.

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali li bih ta l-kunsens tieghu sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Illi din il-kawza tittratta fuq allegat hrug ta’ licenzja tas-sewqan lil certu Moses Gravina mill-imputata Mary Spalding wara li l-istess Gravina forna lill-pulizija in-numru cellulari u l-isem tal-imputata li kienet hi li ghenet biex tinhariglu din il-licenzja minghajr huwa ma ghamel it-test relattiv u dan ghas-somma ta’ LM150.

Il-Qorti ezaminat l-istqarrija tal-imputata fejn hija ma kkummentatx ghal kwazi l-ebda domanda li saritilha mill-ispettur investigattiv.

Semghet ix-xhieda anke in kontro-ezami ta’ Moses Gravina li kien gie precedentement misjub hati minn din il-Qorti li ottjena l-imsemmija licenzja b’mod qarrieqi. Fix-xhieda tieghu hu jghid illi iltaqa’ mal-imputata darbtejn fejn huwa kien taha l-licenzja antika tieghu flimkien ma’ LM150 u mbaghad wara certu zmien hija ghaddietlu licenzja gdida ohra b’kategoriji aggunti li huwa ma ghamilx test ghalihom.

Semghet ukoll ix-xhieda tal-imputata Mary Spalding fejn hija spjegat illi Moses Gravina kien johrog ma’ mara li kienet tghir hafna ghalih u r-relazzjoni taghhom intemmet fl-istess perjodu ta’ meta qamet din il-kwistjoni tal-licenzji. Hija ziedet tghid illi ghal din ir-raguni Mose kien ried jattribwilha xi tort lill-imputata ghal dan il-ksur u ghalhekk biex jivvendika ruhhu ivvinta l-istorja li kienet l-imputata li ghenitu jgib il-kategoriji zejda b’mod qarrieqi.

Illi d-difiza principali tal-imputata hija fis-sens illi din l-istorja hija kollha vendetta min-naha tax-xhud Moses Gravina kontriha biex ipattijielha ghat-thassir tal-gherusija tieghu. Illi d-difiza hija konvinta illi hareg car mix-xhieda tieghu b'din il-vendetta min-naha ta' Gravina kontra l-imputata. Izda l-Qorti hi tal-fehma li mix-xhieda tieghu kif ukoll fil-kontro ezami ma hareg xejn li jindika illi Gravina ghandu xi vendetta kontra l-imputata. Kull ma hareg illi hu kien ftiehem mal-imputata sabiex takkwistalu l-licenzja b'mod qarrieqi u li huwa kellu relazzjoni li spiccat. Minn imkien ma jindika dak li qed jigi allegat mid-difiza.

Punt iehor imqajjem mid-difiza fit-trattazzjoni taghha hija relatata mal-akkuza ta' komplicita` taht l-Artikolu 42 tal-Kap 9 tal-Ligijijet ta' Malta. Illi l-imputata hija akkuzata talli rrendiet ruhha komplici fl-ghoti tad-dikjarazzjonijiet jew certifikati foloz a tenur tal-Artikoli 42 u 185 tal-Kap 9. Izda l-prosekuzzjoni ma ppruvatx liema huma dawn ic-certifikati li l-imputat rrendiet ruhha komplici fihom jew l-involviment ezatt taghha jew ta' terzi persuni li setghu ghenuha. Illi ghalhekk din l-akkuza ma gietx ippruvata b'mod ezawrjenti mill-prosekuzzjoni.

Il-Qorti mhix tal-istess idea a rigward it-tieni akkuza stante illi thoss illi bid-dikjarazzjoni tax-xhud Mose Gravina li xehed illi hu gie mghejjun mill-imputata sabiex jottjeni il-licenzja tat-trakkijiet u li ghalihom hallas LM150 hi bizzejjed sabiex l-imputata tinstab hatja tat-tieni (2) akkuza.

Illi ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 42, 185 (2) u 121 (A) (2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lill-imputata Mary Spalding hatja biss tat-tieni akkuza u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundannaha ghal tmien (8) xhur prigunerija sospizi ghal sentejn (2) filwaqt li tilliberaha mit-tieni akkuza stante li ma gietx ippruvata.

Finalment spjegat lill-imputata fi kliem semplci r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------